

P6_TA(2009)0132

It-tfal ta' migranti

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Marzu 2009 dwar it-tfal ta' migranti li jitħallew warajhom fil-pajjiż ta' oriġini

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal tal-20 ta' Novembru 1989, b'mod partikolari l-Artikoli tagħha 3 u 20,
 - wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Internazzjonali dwar il-Ħarsien tad-Drittijiet tal-Ħaddiema Migranti Kollha u l-Membri tal-Familji tagħhom, b'mod partikolari l-Artikoli 38, 42 u 45 tagħha,
 - wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 24 tagħha,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 108(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-moviment liberu tal-ħaddiema huwa ta' benefiċċju għall-ekonomiji tal-Istati Membri kollha u joffri lill-ċittadini tal-UE l-opportunità għall-iżvilupp ekonomiku u personali,
- B. billi dawn l-effetti pożittivi jistgħu jitnaqqsu minħabba riżultati negattivi mhux mixtieqa tal-migrazzjoni, fosthom is-sitwazzjoni fqira fejn it-tfal jitħallew fil-pajjiż ta' oriġini meta l-ġenituri tagħhom jemigraw lejn Stat Membru ieħor biex jaħdmu,
- C. billi l-migrazzjoni għax-xogħol żdiedet sew matul l-aħħar deċennji u llum il-ġurnata ħafna mill-migranti internazzjonali tad-dinja – 64 miljun – jgħixu fl-Unjoni Ewropea,
- D. billi l-migrazzjoni għandha potenzjal kbir li żżid l-iżvilupp imma twassal ukoll għal problemi mhux solvuti kemm fil-pajjiżi ta' oriġini kif ukoll f'dawk ta' destinazzjoni,
- E. billi, skont studju li sar mill-UNICEF u l-Alternattivi Soċjali fir-Rumanija, fl-2008 kważi 350 000 tifel u tifla kellhom mill-inqas ġenitur wieħed li kien qed jaħdem barra mill-pajjiż, u kważi 126 000 kienu affettwati mill-migrazzjoni taż-żewġ ġenituri,
- F. billi l-migrazzjoni jista' jkollha impatt pożittiv fuq id-djar fil-pajjiż ta' oriġini, għax permezz ta' rimessi (fondi li jintbagħtu fil-pajjiż ta' oriġini) u mezzi oħra jitnaqqas il-faqar u jiżdied l-investment fil-kapital uman,
- G. billi, madankollu, għat-tfal li jitħallew fil-pajjiż ta' oriġini mill-ġenituri li jkunu qed jaħdmu fi Stat Membru ieħor, hemm ukoll aspetti negattivi possibbli inklużi r-riskju ta' nuqqas ġenerali ta' kura fir-rigward tas-saħħa fiżika u mentali, u effetti relatati mas-saħħa mentali bħal: dipressjoni; it-telfien ta' ħin liberu għal loġħob u żvilupp; nuqqas ta' parteċipazzjoni fl-iskola u parteċipazzjoni ġenerali fl-edukazzjoni u t-taħriġ; nuqqas ta' ikel sustanzjuż; u abbuż tat-tfal,

- H. billi, filwaqt li hemm politika komprensiva mwaqqfa biex jitjiebu l-kundizzjonijiet li wieħed jgħix fihom u l-edukazzjoni għat-tfal ta' migranti li jmorru mal-ġenituri tagħhom fil-pajjiż ta' destinazzjoni, il-fenomeni tat-tfal li jitħallew fil-pajjiż ta' oriġini rċieva fit li xejn attenzjoni,
- I. billi t-tfal ta' spiss jitħallew fil-pajjiż ta' oriġini minħabba nuqqas ta' informazzjoni dwar l-opportunitajiet u l-benefiċċji mill-pajjiżi ta' destinazzjoni,
1. Jitlob lill-Kummissjoni biex tagħmel studju ħalli tevalwa sa liema punt kiber il-fenomeni fil-livell tal-UE tat-tfal tal-migranti li tħallew warajhom fil-pajjiż ta' oriġini u biex tiġbor data mill-UE kollha dwar dan il-fenomeni;
 2. Jitlob lill-Istati Membri biex jieħdu passi ħalli jtejbu s-sitwazzjoni tat-tfal li tħallew mill-ġenituri tagħhom fil-pajjiż ta' oriġini u biex jiżguraw l-iżvilupp normali tagħhom f'termini ta' edukazzjoni u ħajja soċjali;
 3. Jitlob lill-Istati Membri biex iwaqqfu mekkaniżmi ta' kooperazzjoni ħalli jiġu evitati l-effetti ta' detriment għall-familji, speċjalment għat-tfal, tal-fatt li jgħixu 'l bogħod minn xulxin u d-distanzi li jridu jkopru;
 4. Jitlob lill-Istati Membri biex jinfurmaw aħjar lill-migranti dwar id-drittijiet tagħhom u d-drittijiet tal-membri tal-familja rigward il-moviment liberu u dwar l-informazzjoni disponibbli fil-livell nazzjonali u Ewropew dwar l-għajxien barra mill-pajjiż ta' oriġini u t-termini u l-kundizzjonijiet tax-xogħol fi Stat Membru ieħor;
 5. Jitlob lill-Kummissjoni biex tipproponi lill-partijiet interessati kollha l-applikazzjoni adegwata tal-mezzi li diġà jeżistu ħalli jiġu megħjuna l-migranti kif ukoll it-tfal tagħhom li ma jkunux ħallew il-pajjiż ta' oriġini;
 6. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jinvolvu b'mod attiv l-imsieħba soċjali u l-NGOs f'azzjonijiet li jfittxu li jtejbu s-sitwazzjoni tat-tfal tal-migranti;
 7. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kummissjoni, lill-Kunsill, lill-Kumitat tar-Reġjuni, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri u lill-imsieħba soċjali.